DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Ottubru 2009

li temenda d-Deċiżjoni 2009/821/KE fir-rigward tal-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 7789)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/822/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE [1] u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE tat-28 ta' Settembru 2009 tfassal lista approvata ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, tistabbilixxi ċerti regoli dwar l-ispezzjonijiet imwettqa mill-esperti veterinarji tal-Kummissjoni u tistabbilixxi l-unitajiet veterinarji fi TRACES [3], tistipula lista ta' postijiet ta' spezzjoni approvati bi qbil mad-Direttivi 91/496/KEE u 97/78/KE. Il-lista hija stipulata fl-Anness I għal dik id-Deċiżjoni.

(2) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni 2009/821/KE tħassar u tieħu post id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/881/KE tas-7 ta' Diċembru 2001 li tagħmel lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera miftiehma għal verifiki veterinarji fuq annimali u prodotti mill-annimali minn pajjiżi terzi u li taġġorna r-regoli dettaljati dwar il-verifiki li jridu jsiru mill-esperti tal-Kummissjoni [4],

(3) Is-servizz ta' spezzjoni tal-Kummissjoni (Uffiċċju Alimentari u Veterinarju) wettaq spezzjoni tal-post ta' spezzjoni tal-fruntiera fil-port ta' Astakos fil-Greċja f'Novembru 2008, skont id-Deċiżjoni 2001/881/KE

(4) L-ispezzjoni ħarġet fil-berah numru ta' dgħufijiet strutturali. L-awtorità kompetenti fil-Greċja pprovdiet għalhekk pjan ta' azzjoni biex tittratta dawn id-dgħufijiet. Dak il-pjan ta' azzjoni nstab li kien sodisfaċenti. Il-post ta' spezzjoni fil-port ta' Astakos għandu għalhekk jiżdied mal-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera approvati mniżżla fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE.

(5) Id-Deċiżjoni 2009/821/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE fil-parti li tikkonċerna l-Greċja, tiddaħħal l-entrata li ġejja qabel id-dħul għall-Ajruport Internazzjonali ta' Ateni:

1	2	3	4	5	6
"Astakos	GR AST 1	P		HC-T(FR)(2), HC-NT(2), NHC-NT"	

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
[2] ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.
[3] Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[4] ĠU L 326, 11.12.2001, p. 44.